MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Numru 102/2000

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Nicholas Ciappara)**

**Versus**

**Vincent Attard.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Vincent Attard ta' 24 sena iben missier mhux magħruf u Pauline nee Attard, imwieled il-Pieta' fitg-8 ta' Jannar 1976 u joqgħod 1 Triq il-Bjar Valletta numru tal-karta tal-identita' 50276 (M)

(a) Akkużat talli f'dawn il-Gżejejr matul 1995 u s-sitt xhur ta' qabel it-12 ta' Diċembru u t-tnax-il xahar ta' qabel l-4 ta' Jannar 1998 kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina

u d-droga kokaina speċifikati fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Talli f'dawn il-Gżejjer fil-11 ta' Novembru 1996 kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; ***f'ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu tiegħu***

(c) Ukoll f'dawn nil-Gżejjer matul ix-xahar ta' Ottubru 1996 u fil-perjodu ta' bejn il-15 ta' Novembru 1997 u l-4 ta' Jannar 1998 forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina u d-droga kokaina speċifikati fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi

Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(d) talli uża, ittrasferixxa l-pussess ta', bagħat jew ikkonsinja lil xi persuna jew post, akkwista, irċieva, żamm, ittrasporta, ittrażmetta, oltera, iddispona minn jew b'xi mod ieħor innegozja bi kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz, xi flus, propjeta' (kemm jekk mobbli jew immobbli) jew xi rikavat minn dawk il-flus jew dil-propjeta' bil-ħsieb li jaħbi jew jikkonverti dawk il-flus jew dik il-propjeta' jew dak ir-rikavat u kient taf jew kellha suspett lid wk il-flus, jew propjeta' kollha, jew parti minnhom, jew dak ir-rikavat, kollu jew parti minnu, kienu ġew miksuba jew rċevuti direttament jew indirettament, bħala riżultat tal-għemil tar-reat imsemmi fis-subartikolu (1) jew fil-paragrafu (A) subartikolu (1)(d) u (1)(E) tal-Artikolu 22 tal-Kap 101 jew xi Att ta' kommessjoni jew omissjoni f'xi post barra minn dawn il-Gżejjer li jekk isir f'dawn il-Gżejjer jkun jikkostitwixxi reat taħt is-sub Artikolu (1) jew il-paragrafu (A) tas-sub-artikolu 1(D) tal-istess Kapitolu;

(e) Ukoll talli f'dawn il-Gżejjer matul 1-1995 u l-1996 għex għal kollox jew f'parti minn fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni ta' persuna oħra skond l-Artikolu 7(1)(3) tal-Kap 63 tal-Liġijiet ta' Malta;

(f) Ukoll talli sar reċidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenza simili mogħtija lilu mill-

Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 22 ta' Novembru 1996 – Awla 8

**Aggravju**

(g) Ukoll talli kkommetta dawn ir-reati fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club, jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post simili ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ.

Il-Qorti ntalbet ukoll tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-propjeta' mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil jew imissu lill-imputat jew huma propjeta' tiegħu kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputati milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi projeta' mobbli jew immobbli kif ukoll tordna l-imsemi persuna tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti kif provdut fl-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tapplika l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat bin-numru tar-reġistrazzjoni 502 tal-1976, il-fedina penali tal-imputat, l-ordni tal-Avukat Ġenerali tat-30 ta' Settembru 1999, il-ħames stqarrijiet tal-imputat (jibdew minn paġina 11 u 14 u l-oħrajn jinstabu a fol 255, oħrajn a fol 266 u 268) in-nomina tal-Ispiżjar Mario Mifsud bħala espert forensiku (fol.7), in-nomina ta' PC 516 biex d-dokumenti kollha jkunu kklassifikati u fotograti, in-nomina ta' Dr.Vincent Galea bħala espert biex jagħmel it-tfittxijiet neċessarji rigward il-propjeta' mobbli jew immobbli tal-imputat, (fol 8), u n-nomina tal-Perit Arkitett Albert Fenech bħala espert arkitett sabiex jaċċedi fuq il-post indikat mill-partijiet fil-preżenza tal-imputat u jirrelata bil-miktub u jisma' x-xhieda bil-ġurament fuq il-post, il-proċessi verbali redatt mill-Maġistrat Dr Consuelo Scerri Herrera (fol 37) u dak redatt mill-Maġistrat Dr.Silvio Meli fl-1 ta' Lulju 1998 intitolat 'Sejba ta' Droga fuq Salvu Gauci ħdejn Kastilja l-Belt fl-4 ta' Jannar 1998' u l_proċess redatt mill-Maġistrat (illum Imħallef Abigail Lofaro fit-8 t'ottubru 1998 intitolat '

Inkjesta dwar informazzjoni mingħand Caroline Magri', l-proċess ġudizzjarju fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Salvu Gauci' (fol 98), id-digriet mogħti mill-Qorti fl-20 ta' Marzu 2006 li bih il-Qorti awtorizzat it-taħrik mill-ġdid tax-xhud Caroline Magri u d-digriet tat-3 ta' Lulju, 2009 li bih il-Qorti awtroizzat lir-rikorrent jippreżenta n-Nota.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament, it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u n-Nota ta' sottomissjonijiet li kienet ammessa mill-Qorti bid-digriet tat-3 ta' Lulju 2009.

Ikkonsidrat

Il-Prosekuzzjoni pproduċiet ħames stqarrijiet tal-imputat u għadd ta' xhieda dwar tfittxijiet jew li xehdu quddiem xi Maġistrat Inkwirenti.

**L-Istqarrijiet tal-Imputat.**

F'dan il-proċess hawn numru record ta' stqarrijiet tal-imputat.

Fl-istqarrija tas-7 ta' Jannar 1998 l-imputat qal li l-laqam tiegħu huwa ċ-Ċappa u l-bqija ma weġibx għall-mistoqisjiet.

Fit-13 ta' Diċembru 1996 huwa qal li kien juża l-eroina għall-aħħar sitt snin. Kien reġa' beda jieħu għaxar xhur qabel. L-aħħar darba li kien ħa kien madwar tlitt ijiem qabel. Huwa qal li qatt ma kien biegħ l-eroina iżda ġieli qasam ma' ħadd ieħor. Huwa kien ġieli ta lil ħadd ieħor b'xejn u xi drabi bil-flus. Il-karti li kienu nstabu wara l-gwarniċ kienu ilhom hemm.

It-tielet stqarrija saret fil-5 ta' Jannar 1998 (fol 255). L-imputat ma kienx wieġeb għad-domandi ħlief li kien qal li huwa kellu l-karozza LAU 297.

Fir-raba' stqarrija (dik ta-9 ta' Novembru 1996) l-imputat innega li kienu marru xi nies għandu biex jixtru d-droga. Il-karti li kieu sabu l-Pulizija bi traċċi tad-droga eroina kienu

tiegħu. Huwa ammetta li kien jagħmel użu mid-droga eroina.

Fil-ħames stqarrija (a fol 268) (11 ta' Novembru 1996), l-imputat kien qal li kien jieħu żewġ pakketti eroina kull jum iżda nnega li kien ibiegħ l-eroina.

**Aktar Xhieda tal-Prosekuzzjoni**

Is-Supretendent Nicholas Ciappara fix-xhieda tiegħu qal fil-qosor x'kien qal l-imputat fl-istqarrijiet tiegħu u x'kienu qalu ċertu Salvu Gauci (fol 19) u Caroline Magri (fol 20) fix-xhieda tagħhom ġuramentata.

Fil-kontro-eżami huwa qal li ma kien jara ebda kontradizzjoni bejn li wieħed jgħid li ma kienx ibiegħ id-droga u fl-istess stqarrija jgħid li kien jaqsamha jew li ġieli kien jagħtiha bil-flus.

Ix-xhud ewlenija tal-Prosekuzzjoni kienet Caroline Magri.

Fix-xhieda tagħha tat-12 ta' Mejju 2000, din ix-xhud ċaħdet dak li kienet qalet fl-istqarrija ġuramentata. (fol 27) u qalet li dak kien gideb. (fol29). L-istqarrija kienet saret fit-3 ta' Ġunju 1998 quddiem il-Maġistrat (illum Imħallef) Dr.Abigail Lofaro.

Hija reġgħet xehdet fis-26 ta' Lulju 2001 u qalet li l-istqarrija ġuramentata kienet għamlitha b'vendetta għax rat lill-imputat ma' mara oħra. (Fol.108)

Xehdet ukoll fil-25 ta' Settembru 2001 (fol 113) u reġgħet qalet li l-istqarrija kienet għamlitha b'vendetta.

**Fuq talba tal-Proekuzzjoni, in vista li, skond il-Liġi, xhud ikun jista' jibdel il-verżjoni tiegħu sal-aħħar sabiex jevita r-reat ta' sperġur, il-Qorti laqgħet it-talba sabiex terġa' tinstema' Caroline Magri.**

**Din id-darba Caroline Magri kkonfermat li l-imputat kien ibiegħ id-droga. Hija qalet li l-istqarrija ġuramentata kienet il-verita' (ara fol 334, 335, 336 u**

**337). Hija nnegat li kienet miġġielda mal-imputat. Il-Qorti qratilha l-istqarrija ġuramentata li kienet għamlet (ara fol 341 et seq) u kkonfermatha kollha u kkonfermat ukoll li l-pakketti li kienu sabu l-Pulizija f'Putirjal kien ħbiehom l-imputat.**

**X'kienet qalet Caroline Magri fl-istqarrija ġuramentata.**

Fl-istqarrija kienet qalet li kienet ilha toqgħod mal-imputat tliet snin u nofs (u għalhekk qisu mit-3 ta' Diċembru 1994). L-imputat kien igagħilha tagħmilha ta' prostitute. Hija bidet tieħu d-droga ta' sikwit wara li saret taf lill-imputat. Il-flus kollha li kienet tagħtih kien jixtrihomd roga eroina. Kemm damet tgħix mal-imputat dejjem hu kien iġibilha d-droga.

Wara xi xahrejn li kienu sar jafu 'l xulxin marru joqogħdu l-Belt. (3 ta' Frar 1995). L-imputat ġieli biegħ minn dawn il-pakektti d-dar. Ġieli wkoll kien imur Putirjal. Hemm iġiegħel lil din ix-xhud taħbi d-droga. Kien jagħtiha mazz u meta jaslu Putirjal kienet tagħtih il-mazz lura. Imbagħad kein jagħmilhoim f'pakkett tas-sigaretti jew ġo dustbin. Huwa kein jixtri bil-grammi ( u dan kien madwar sentejn qabel(1996), In-nies kienu jmorru jixtru bil-lejl jew filgħodu kmieni. Dak iż-żmien kien għamel madwar tmien xhur ibiegħ. L-imputat għamel xi żmien bil-għaqal iżda mbagħad meta reġgħu marru l-Belt kien xtara miżien u beda jippakkja d-droga. Huwa kien jixtri mdwar 20 gramma eroina kull darba u ma kien iżid xejn magħha. Il-miżein u t-telecell li kien juża ħaduhom il-Pulizija waqt it-tfittxija. Minkejja li l-Pulizij ħadulu l-miżien xorta baqa' jbiegħ il-kokaina u l-eroina. Kien ikollu anke Lm800 fuqu.

Hija qalet ukoll li l-pakketti li kienu sabu l-Pulizija int u nieżel it-taraġ tal-car park kienu tal-imputat. Hija kienet taf dan għax kienet miegħu meta ħbiehom. L-imputat kien għamel il-karozza f'isem missier ix-xhud biex ma tidhirx fuqu. Il-karozza Peugeot 306 kienet tiswa Lm8000 għalkemm kien għadu qed iħallasha. Kien ordna wkoll Peugeot oħra Turbo ta' u kulur abjad stmatha Lm10,000.

Ix-xhud qalet ukoll li qabel l-imputat kien ibiegħ l-eroina bil-gramma pero’ llum qed ibiegħ bil-ħames grammi. (Ara fol.48 et).

**Aktar Xhieda tal-Prosekuzzjoni**

Xhud ieħor tal-Prosekuzzjoni kien Carmelo Magri li xehed li l-Peugeot 306 kienet xtratha l-mara tax-xhud lill-imputat iżda kienet tpoġġiet fuq isem ix-xhud. (fol 30-33, ara 31 b’mod partikolari).

Xehdet ukoll Dr.Jackie Scerri (fol 95) għan-nom tas-soċjeta’ Vodafone. Mir-riċerki rriżulta li l-imputat kellu żewġ numri 09422345 u 094771867.

Xehed ukoll Salvu Gauci li baqa’ jinsisti li huwa qatt ma kien ra lill-imputat u kien oqgħod fuq li tgħidlu Helen Bugeja. (Fol. 125 sa 129) Mill-atti jirriżulta li d an ix-xhud ukoll kien għamel xhieda ġuramentata (fol 24 et tal-Proces Verbal redatt mill-Maġistrat Dr.Silvio Meli) iżda aktar isemmi lil ċertu Lalu waqt li l-laqam tal-imputat huwa ċ-ċappa.

Xehed ukoll is-Supretendent Neville Aquilina li qal li fl-4 ta’ Ġunju 1998 kienu waqqfu lill-imputat flimkien ma’ persuna oħra iżda ma nstab xejn fil-vettura Peugeot 306 ta’ kulur maroon. Kien hemm iżda Lm440 u xi affarijiet tad-deheb. It-tfittxija fid-dar ma tat ebda riżultat.

Xehed ukoll Joseph Zammit li qal li fir-relazzjoni tiegħu (fol 134) kien għamel żball dwar il-laqmijiet. Huwa qal li Jesmond Farrugia mhux iċ-ċappa. Iżda l-ismijiet kienu korretti.

**Tfittxijiet**

Diversi xhieda ddeskrivew x’instab waqt it-tfittxija tat-12 ta’ Diċembru 1996 fi Flat 1 Well Street Valletta. Kien hemm l-imputat preżenti u nstabu żewġ siringi u xi faċċati ta’ pitazz wara nkwatru. (Ara x-xhieda ta’ PC 733 Joseph Galea (fol137), ta’ PC 1574 Cremona li kien ferm inċert (fol 143) u PC 10 Trevor Cassar Mallia (fol 263 u 264).

WPC 60 Grace Bianco xehdet li fis-6 ta' Jannar 1998 kienu marru fir-residenza ta' Vince Attard u kienu elevaw xi miżien elettroniku. (Fol 140) Dan ikkonfermah ukoll PS-1057 Mario Cuschieri (fol 158).

Kienu saret tfittxija oħra għand l-imputat (fol 270) fid-9 ta' Novembru 1996 fejn il-Pulizija kienu sabu karti mqattgħin f'forma ta' qratas, xi siringi u xi foil. Skond is-Supretendent (illum Assistant Kummissarju) Neil Harrison, il-Pulizija kienet marret fl-inħawi ta' Putirjal ħdejn Philip's Bar. Fuq il-persuna tal-imputat ma kien instab xejn pero' fuq il-ħoġor tat-tieqa kien hemm diveris qratras tad-droga suspettati eroina li kienu moħbijin ġo borża tal-plastik. L-imputat kien ħdejn l-istess tieqa.

Dan kien ikkonfermat minn PS 951 Joseph Tonna (fol 273).

PS Jason Caruana ikkonferma dak li qal l-Assistant Kummissarju Neil Harrison dwar x'kien elevat fit-tfittxija li saret fid-9 ta' Novembru 1996. (fol 281, 282)

L-Ispiżjar Mario Mifsud xehed dwar dak li kien elevat minn għand l-imputat fid-9 ta' Novembru 1996 kemm mid-dar (04 ABX 01) u kemm minn Putirjal (O4 ABX 02). Minn dan l-aħħar document kien hemm 11-il qartas b'daqsijiet kważi identiċi u li kien fihom 0.788 grammi ta' eroina.

WPS Ruth Magro xehdet dwar dak li kien instab Putirjal fil-11 ta' Novembru 1996. L-imputat kien fuq it-tieqa tal-istess Philip's Bar. Meta kienu elevate diversi qratas li fihom kien sustanza suspettata eroina.

Dan kien ikkonfermat mix-xhieda ta' PCC 138 Joseph Portelli. (fol 316).

Xehed Jose Abela li għamel riċerki dwar il-vettura LAU-297 li hija Peugeot 306 ta' kulur aħmar u kienet tgħajjat lil Carmelo Magri mill-Imqabba.

Xehed Dr. Vincent Galea, espert maħtur mill-Qorti, li għamel elenku dettaljat ta' x'inhuma l-assi tal-imputat. Il-konklużjonijiet jidhru a fol 173 et u ma jidhirx li l-imputat għandu xi assi kbar.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Fil-fehma ewlenija x-xhud l-aktar importanti tal-Prosekuzzjoni kienet **Caroline Magri.** L-istqarrija ġuramentata tagħha u x-xhieda tagħha mogħtija quddiem din il-Qorti kif preseduta ma tħalli ebda dubju li l-imputat kien jittraffika d-droga eroina kemm fid-data indikata fit-tieni imputazzjoni kif ukoll fid-dati indikati fit-tielet imputazzjoni. **Il-Qorti warrbet għal kollox dak li xehed Saviour Gauci kemm għax hu m'għarafx lill-imputat u kemm għax hu kien iddependa fuq dak li qallu ħadd ieħor u dan jammonta għall-hearsay, tip ta' evidenza li mhix aċċettata bħala prova.**[1]

Iżda Caroline Magri nħasset li qed tgħid il-verita' kemm meta xehdet quddiem il-Maġistrat Inkwerenti kif ukoll meta xehdet quddiem din il-Qorti kif preseduta meta ddeponiet għall-aħaħr darba. Il-Qorti ma temminx x'kienet qalet fit-tliet darbiet ta' qabel meta xehdet quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta li wkoll ħasset li kellha tieħu passi kontra x-xhud u żżommha taħt arrest għax kienet tidher li ma kinitx qed tgħid il-verita' meta bdiet tinnega dak li kienet stqarret bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti għall-konvenjenza u xejn aktar.

Fin-nota tagħha (ara fol 2 u 3) id-difiża ssottomettiet li x-xhud kienet inkonsistenti u qalet li mhix kredibbli. Ma' dan il-Qorti ma taqbilx. Hemm differenza bejn tkun inkonsistenti u bejn tipprova tgħatti l-verita' li jkun diġa' qal xhud billi jivvinta xi skuża. Li ma qalitx id-difiża fin-nota tagħha kien li l-Qorti kif diversament preseduta wkoll kienet indunat li din ix-xhud ma kinitx qed tgħid hija u tiddeponi. Iżda fl-aħħar ħarġet il-verita' li diġa' kienet

[1] B'daqshekk ma jfissirx li dan skredita lil xi xhud kif allegat i-difiża fin-Nota ta' sottomissjonijiet tagħha..

rispekkjata fix-xhieda ġuramentata. Ix-xhud jista' jerġa' lura għall-verita' biex jevita l-isperġur u din ix-xhud hekk fil-fatt għamlet għax kienet taf li kienhemm ix-xhieda ġuramentata u ma setgħetx taħrab minnha. Din il-Qorti lanqas għandha dubju mix-xhieda ġuramentata u setgħet toqgħod fuq din biss u tiskarta dak li sussegwentement xehdet din ix-xhud. Dan huwa in linea mal-każ 'Camilleri versus Malta' deċiż mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fejn il-Qorti ddeċediet li l-Qorti kellha l-liberta' tax-xelta dwar liema stqarrija tagħżel. Għalhekk il-Qorti mhix taċċetta s-sottomissjonijiet tad-difiża dwar din ix-xhud. Bil-maqlub, issib li d-depożizzjoni ġuramentata u finali tagħha bħala attendibillissimi. Din ix-xhieda hija safe għal kollox u l-Qorti mhix ser tiskartaha kif issottomettiet id-difiża. U hemm x'jorbot din ix-xhieda ma' dik forensika.

I l-Qorti qed kkonsidrat ukoll ir-riżultat forensiku dwar dak li nstab f'Putirjal. Mir-relazzjoni tal-espert forensiku jidher ċar li kien hemm l-intenzjoni tal-ispaċċar għaliex bi 11-il qartas misjuba barra u kollha tal-istess daqs ma jitħalla ebda dubju li l-imputat kellu l-eroina biex ibiegħha. **Ix-xhieda ta' Caroline Magri torbot lill-imputat mas-sustanza.**[2]

Biss il-provi prodotti jwasslu biss sal-prova ta' pussess, pussess aggravat u biegħ ta' **eroina biss** u mhux ta' kokaina wkoll kif hemm indikat fl-ewwel u fit-tielet imputazzjoni.

**Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel tliet imputazzjonijiet għal dak li pussess, pussess aggravat u bejgħ ta' eroina biss għaliex il-prova ta' pussess ta' kokaina, pussess aggravat ta' kokaina u biegħ ta' kokaina ma sarx.**

Il-Qorti mhix issib li l-imputat ittrasferixxa xi beni biex jaħbi xi flus li kienu ġejjin mid-droga. Tassew li l-imputat għamel

---

[2] Fin-Nota ta' sottomissjonijiet tagħha, id-difiża rreferiet għax-xhieda ta' Helen Bugeja. Il-Qorti ma sejsietx il-konklużjonijiet tagħha fuq din ix-xhud.

il-karozza fuq isem ħadd ieħor iżda ma kienx ippruvat b'mod ċar biżżejjed li dan sar biex jaħbi l-provenjenza tal-flus.

Min-naħa l-oħra l-Qorti ssibu ħati tal-imputazzjoni (e), jiġifieri li għamel qligħ minn fuq il-prostituzzjoni għax dan huwa ppruvat minn kliem Caroline Magri stess u l-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubitah.

Ma kinux ippruvati la r-reċidiva għax ma kienet ippreżentata ebda sentenza u lanqas kien ippruvat li r-reati twettqu f'distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabb jew ċentru fejn jiltaqgħu ż-żgħażagħ. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat mis-sitt imputazzjoni u mill-aggravju mmarkat (g).

**Konklużjoni.**

Il-Qorti, wara li rat ir-egolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsmiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), u 22(1B) u l-proviso dwar id-distanza li jidher taħt l-artikolu 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101, l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9, u l-artikolu 7(1)(3) tal-Kap 63 kollha tal-Liġijiet ta' Malta ssib lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni [3] b'dan pero' li l-ħtija qed tinstab vis a vis d-droga eroina u mhux kokaina minħabba li ebda prova ma torbot lill-imputat mal-kokaina, qed issibu ħati wkoll tal-ħames imputazzjoni (dwar prostitutuzzjoni) u qed tilliberah mir-raba' u mis-sitt imputazzjoni kif ukoll mill-aggravju mmarkat (g).

Dwar il-piena l-Qorti qed tikkonsidra t-trapass taż-żmien minħabba li l-każ ikkomplika ruħu ħafna minħabba d-diversi tfittxijiet u stqarrijiet li ttieħdu.  Min-naħa l-oħra l-imputat naqas meta mhux biss ipprostitwixxa lil min kien joqgħod miegħu ( u din fil-bidu kien għad għandha 19-il sena) iżda wkoll biegħ l-eroina għal aktar minn darba. Dan sar ukoll f'post prominenti bħal f'Putirjal.

[3] Minħabba li d-dati huma differenti ma jistax ikun hemm xi assorbiment bejn l-ewwel tliet imputazzjonijiet ai fini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

Għaldaqstant il-Qorti, wara li qieset kollox, inkluż it-tul tal-proċeduri, u wara li qieset ukoll l-artikolu 17(b) tal-Kap 9, qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' **priġunerija ta' 18-il xahar** u għall-ħlas ta' multa ta' €2000 **elfejn** Ewro liema multa tista' titħallas b'rata ta' mitt Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien mhux aktar minn erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa u jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti mqabbdin matul il-proċeduri iżda mhux tal-esperti mqabbdin matul l-inkjesta għaliex din saret qabel is-16 ta' Jannar 2006.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------